# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 192/2022/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jean Paul Deguara**

Illum it-tmienja (8) ta' April 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jean Paul Deguara**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 123482(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-12 ta' April 2022 u/jew fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa l-Fgura u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-persuna ta' minuri u ċioè ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** (I.D.

Nru. ***OMISSIS***) li tgħix fl-istess dar miegħu, liema reat sar ripetutament;

2. fl-istess perjodu, lok, u ċirkostanzi, issoġġetta lill-minuri u ċioè ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** (I.D. Nru. ***OMISSIS***), għal xi att ta' intimita' fiżika, liema delitt twettaq ripetutament;

3. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi issoġġetta lill-minuri u ċioè ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** (I.D. Nru. ***OMISSIS***) għal xi att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluż kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, liema delitt twettaq ripetutament;

nhar it-12 ta' April 2022 għal ħabta tal-ħinijiet ta' bejn id-09:00hrs u l-11:00hrs ġewwa l-Fgura u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-*partner* tiegħu u ċioè ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. għamel inġurji jew theddid mhux msemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta għas-sigurta' tal-allegata vittma ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** (I.D. Nru. ***OMISSIS***) u l-familjari tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li jekk jidrilha xieraq tordna Ordni ta' Trattament skont Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Ottubru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 202(g)(h)(v)(j), 207, 222(1)(a), 251A(1)(c), 251A(1)(e), 251H(b)(d), 251HA u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u, stante illi qieset li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel (1) imputazzjoni u li anke r-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni huma assorbiti fl-imputazzjonijiet l-oħra, ikkundannatu piena ta' erba' (4) snin u ħames (5) xhur priġunerija. A bażi ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li isem l-imputat Jean Paul Deguara jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf a bażi ta' dan l-Att u konsegwentement ordnat li kopja tas-sentenza mogħtija minnha tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annottazzjoni neċessarja.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi,* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u b'hekk*

***TILLIBERAH*** *minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament u f'każ illi din il Qorti jidhrilha li għandha issib ħtija,* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-27 ta' Novembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Ottubru 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ bdew b'rapport magħmul mill-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** fit-12 ta' April 2022 dwar insulti u theddid magħmula mis-sieħeb tagħha ossia l-appellant allura imputat kontra tagħha u kontra wliedha. Waqt li kienu qed jiġu mistoqsija t-tfal ta ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***, it-tifla tagħha ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** irrappurtat li l-appellant kien wettaq ċertu atti fuq il-persuna tagħha. Eventwalment, l-appellant allura imputat tressaq il-Qorti u ġie mixli bl-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Victor Edward Cassar** (Numru 15/2003), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bażikament l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif ġie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, *"prinċipju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" 10.5.02 u oħrajn). Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-ħtija addebitata lill-appellanti."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa intitolat "Apprezzament żbaljat tal-provi". Huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u dana peress li, skont hu, il-Qorti msemmija għażlet li jew tinjorahom jew ma temminhomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova. Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti sub-titoli:

- "Prinċipji Ġenerali";
- "Il-Preżunzjoni Tal-Innoċenza U Li L-Proċedura Ma Kinitx Waħda "Fair" Minħabba Li L-Qorti Naqset Milli Tirrispetta Dan Il-Prinċipju";
- "Nuqqas Ta' Provi U Inkonsistenza Fix-Xhieda Li Nġabu Fil-Konfront Tal-Appellant Jean Paul Deguara Quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti";

- "L-Ewwel u T-Tieni Akkuża".

"Prinċipji Ġenerali":
Illi f'dan is-sub-titolu l-appellant jirreferi għal prinċipji ġenerali fejn jispjega li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha u li huwa ma għandu għalfejn jipprova xejn. Isemmi wkoll il-livell ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni meta tiġi biex tipprova l-każ tagħha. Għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dawn il-prinċipji ġenerali għajr li taqbel magħhom.

"Il-Preżunzjoni Tal-Innoċenza U Li L-Proċedura Ma Kinitx Waħda "Fair" Minħabba Li L-Qorti Naqset Milli Tirrispetta Dan Il-Prinċipju":
Illi taħt dan is-sub-titolu l-appellant jagħmel riferenza għal parti mis-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti għarfet li hu ma tax ix-xiehda tiegħu quddiemha u dana sabiex ikun jista' jikkjarifika l-verżjoni tiegħu. Jisħaq li d-dritt tiegħu li jibqa' sieket huwa dritt fundamentali. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tippreġudikah għax għamel użu mid-dritt tiegħu li jibqa' sieket.

Illi fir-Risposta tiegħu għar-Rikors tal-appell tal-appellant, l-Avukat Ġenerali jirribatti għal dak imsemmi fis-sub-titolu in eżami billi jgħid li l-appellant kien ferm selettiv f'dak li kkwota mis-sentenza appellata. Jgħid li meta wieħed iqis ir-raġunament kollu tal-Ewwel Qorti jirrizulta b'mod ċar li hija ma kellha l-ebda intenzjoni li ġġiegħel lill-appellant jinkrimina lilu nnifsu, jew li jipproduċi dokumenti inkriminanti jew iwieġeb għal domandi inkriminanti. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma ppreġudikatx l-appellant minħabba li ma xehedx. Jargumenta li l-Ewwel Qorti sempliċement irreferiet għal fatt illi l-appellant ma ppreżenta l-ebda prova sabiex iwieġeb għal provi li ressqet il-Prosekuzzjoni. Jgħid li sabiex wieħed ikun jista' jagħrbel il-verżjonijiet tax-xhieda jrid jkun hemm xi ħaġa li tirribatti tali verżjonijiet. Jgħid li d-difiża setgħet tressaq provi hija sabiex tqanqal id-dubju sal-grad tal-probabbli iżda dan ma sarx. Jisħaq li ma hemm xejn ħażin fil-proċeduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali u li ġie mniżżel fil-paragrafu preċedenti fejn jisħaq li l-appellant kien selettiv f'dak li kkwota fir-Rikors tal-appell tiegħu. Dan qiegħed jingħad peress li filwaqt li huwa minnu dak li jgħid l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu meta jiċċita dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 314):

> "għalkemm dan kellu d-dritt li jibqa' sieket iżda f'dawn it-tip ta' proċeduri l-fatt li imputat jixhed u jipprovdi verżjoni oħra tgħin aktar lill-Qorti biex tevalwa s-sitwazzjoni b'mod aktar analitiku",

pero' jirriżulta wkoll li l-paragrafu komplut fejn jingħad dak hawn fuq appena ċitat huwa s-segwenti (*a fol.* 314):

> "Id-difiża kellha kull opportunita' li ttella' kull xhud possibbli sabiex tipprova xxejjen il-kredibilita' tal-minuri iżda dan ma sarx. Ma talbitx lanqas li jixhed l-imputat għalkemm dan kellu d-dritt li jibqa' sieket iżda f'dawn it-tip ta' proċeduri l-fatt li imputat jixhed u jipprovdi verżjoni oħra tgħin aktar lill-Qorti biex tevalwa s-sitwazzjoni b'mod aktar analitiku għalkemm huwa minnu li minħabba nuqqas da parti tad-difiża l-provi tagħhom ġew magħluqa. Wisq anqas ma ġiet ippreżentata l-ebda Nota ta' Sottomissjoni hekk kif ingħataw il-fakulta' biex jagħmlu."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dak li l-Ewwel Qorti qalet ma huwiex bl-ebda mod akkuża kontra l-imġieba tal-appellant jew kontra l-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Anzi jirriżulta li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet bis-sħiħ il-jedd tiegħu għas-silenzju. L-ilment tal-Qorti kien dak li minħabba għemilu hija kull ma setgħet tevalwa kien il-verżjoni tal-*parte civile*. Minkejja dan jirriżulta li l-Ewwel Qorti xorta spjegat ir-raġuni għalfejn hija waslet sabiex temmen il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile*. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-Ewwel Qorti imkien ma ppreġudikat il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza li kien jispetta lill-appellant. Li kieku kien bil-kontra ma kienx ikun hemm għalfejn tispjega r-raġuni li wasslitha sabiex

temmen lill-*parte civile.* Għaldaqstant l-ilment tal-appellant fis-sub-titolu in kwistjoni jistħoqq li jiġi miċħud.

"Nuqqas Ta' Provi U Inkonsistenza Fix-Xhieda Li Nġabu Fil-Konfront Tal-Appellant Jean Paul Deguara Quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti":
Illi f'dan is-sub-titolu l-appellant jilmenta dwar il-konsistenza tax-xhieda li nġabu kontra tiegħu. Huwa jirreferi għax-xiehda mogħtija mill-*parte civile* l-minuri ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** u jgħid li jidher biċ-ċar li kien *"ikun hemm ħafna logħob u mutetti"* qabel ma wasal biex imissilha sidirha. Ikompli li jekk kienet maħsuda l-ewwel darba għalfejn marret ħdejh id-drabi ta' wara. Isemmi ukoll li l-*parte civile* msemmija kkonfermat li meta kienet titlaq minn ħdejh hija kienet titlaq bl-iskuża li kellha l-*homework* u mhux għax kienet tgħidlu li tiddejjaq. Jgħid li kkonfermat ukoll li kull darba li ġiet mgħajjta hija dejjem marret minn jeddha u qatt ma semmiet li ma kinitx qed tħossha komda.

Illi l-appellant jirreferi wkoll għax-xiehda tal-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** (*a fol.* 52) fejn jgħid li hija turi inkonsistenza. Jindika li l-inkonsistenza ddur mal-fatt li, dwar ir-ritratt l-ewwel tgħid li ma taħsibx li hu (l-appellant) induna għax kellu għajnejh magħluqa, mentri ftit aktar tard tgħid li huwa kien jaf. Għalhekk jistaqsi liema verżjoni hija vera. Ikompli jistaqsi kif persuna li qed tgħaddi minn sitwazzjoni tant trawmatika biex tiġbor il-provi tinsa u tħawwad. Huwa jirreferi għal parti oħra mix-xiehda tal-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** fejn hija tgħid li wara t-tielet darba hija ddeċidiet li ma tmurx aktar. Jistaqsi għalfejn stenniet daqshekk. Jgħid li minn din ix-xiehda joħroġ li hija ma kinitx kuntenta b'raġel barrani li kien qed joqgħod f'darhom u jiġġieled ma' ommha. Isostni li għalhekk rat kif għamlet biex pjanat din l-istorja sabiex tkun tista' teħles minnu. Itenni li din l-ipoteżi ġiet konfermata fl-istqarrija magħmula mill-*parte civile* ***OMISSIS*** fejn hija qalet li għal bidu kienet tmur tajjeb miegħu iżda meta rat kif kien qed iġib ruħu ma' ommha, hija bdiet tevitah.

Illi l-appellant jargumenta li minħabba dawn l-inkonsistenzi wieħed ma jistax ma jistaqsix kif, fuq naħa, il-*parte civile* ***OMISSIS***

***OMISSIS OMISSIS*** tgħid li hija kienet tevitah minħabba li kien jiġġieled ma' ommha waqt li minn naħa l-oħra tgħid li kienet tmur meta kien isejjħilha. Isemmi li hija qatt ma qaltlu li kienet tħossha skomda u li anzi kienet tkompli miegħu. Jargumenta li, għalhekk, fl-agħar ipoteżi li l-fatti huma vera, kif seta' kien jaf li l-*parte civile* ma kinitx qed taqbel! Itenni wkoll l-fatt li huwa kien jipprova jiftħilha għajnejha.

Illi l-appellant jirreferi għax-xiehda tal-minuri ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** minn fejn jirriżulta li t-tfal tal-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** ma kienux imdorrijin bid-dixxiplina u meta hu daħal fix-xena u beda jżomm id-dixxiplina bdew jarawh ikrah u raw kif ħelsu minnu.

Illi fir-Risposta tiegħu għar-Rikors tal-appell tal-appellant, l-Avukat Ġenerali jwieġeb għall-ilment tal-appellant in eżami billi jirreferi għas-sentenza appellata u ta' kif hija waslet biex temmen lill-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***. Huwa jsemmi wkoll ir-ritratt tal-appellant jaqbad sider il-*parte civile*, fatt ikkonfermat mill-appellant stess. Minbarra dan, l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti irreferiet għal istqarrija magħmula mill-appellant kif ukoll mill-iSpetturi li kienu preżenti waqt l-istqarrija u waslet biex temmen lill-*parte civile*. Ikompli li l-appellant fl-ebda ħin ma kkontradixxa dak li qalet il-*parte civile* minkejja li jgħid li dak li qalet ma huwiex veru.

Illi l-Avukat Ġenerali jisħaq li huwa ċar li l-Ewwel Qorti staqsiet u għarblet meta kienet qiegħda tixhed il-*parte civile* minuri u anke staqsietha x'kienet ir-raġuni li għaliha hi ddeċidiet li tikxef il-verżjoni tagħha. Jgħid li meta l-Ewwel Qorti analizzat il-veraċita', hija daħlet f'eżami approfondit u tat il-valur probatorju mistħoqq lix-xiehda tal-minuri. Ikompli li l-Ewwel Qorti rat ix-xhud u rat l-imġieba tagħha waqt li kienet qed tixhed b'dan illi għalhekk kienet fl-aħjar pożizzjoni biex tiddetermina l-kredibilita' tagħha.

Illi dwar l-ilment in eżami din il-Qorti tibda billi tqis li mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti huwa assodat li l-appellant kien fil-fatt qabad sider il-*parte civile* hawn fuq imsemmija. Dan

jirriżulta kemm mir-ritratt li hemm fl-atti proċesswali (Dok. "CZS 1a" - *a fol.* 96) kif ukoll mill-istqarrija tal-istess appellant (Dok. "KV 1" – *a fol.* 197 *et seq.*) fejn meta l-appellant ġie mistoqsi dwar ir-ritratt (*a fol.* 215):

"Idejk taf fejn qegħda hemm?",

huwa wieġeb hekk (*a fol.* 215:

"ehe fuq iż-żejża."

Illi b'hekk din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju dwar dan il-punt. Apparti minn dan, din il-Qorti jirriżultalha li l-appellant jipprova jiddefendi ruħu billi jistaqsi għalfejn il-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** marret iktar minn darba għandu. Għandu jingħad li din il-mistoqsija saret lill-*parte civile* msemmija waqt ix-xiehda mogħtija minnha fejn mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tagħha jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 83 *et seq.*):

> Maġistrat:
> "Inti t-tieni darba li qallek biex tmur ħdejh kont qisek taf forsi x'ser jiġri għax kien diġa' għamilielek darba. Inti għalfejn mort? Inti spjegajtha ta' l-ewwel għidtli imma biex forsi ma semgħux."
>
> ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***:
> "Għax jiena għidt forsi żball għax għal bidu anqas jien ma stajt qisni nemminha l-ħaġa għax dejjem kien jgħid li ħa jipproteġina u affarijiet hekk u għidt forsi jien naf? Għidt forsi bħal meta jgħajjatli n-nannu biex noqgħod ħdejh u noqgħodu nitkellmu jew bħal ma nagħmel mal-papa mmorru hemm taraw it-*television* jew nitkellmu fuq *whatever* u mhux biex isiru dawn l-affarijiet."
>
> Dr. Yanika Bugeja:
> "Allright però din kienet"

<u>Maġistrat</u>:
"Inti dejjem kont tispera li dawn l-affarijiet ma jibqgħux jiġru?"

***<u>OMISSIS OMISSIS OMISSIS</u>***:
"Iva dejjem."

<u>Dr. Yanika Bugeja</u>:
"Però din kienet it-tieni darba li rraġunat hekk. Mela t-tielet darba allura għalfejn reġgħet marret?"

<u>Maġistrat</u>:
"U t-tielet darba allura."

***<u>OMISSIS OMISSIS OMISSIS</u>***:
"It-tielet darba mort u bil-kelb. Il-kelb kien biex nieħu ritratt u jiena mort e dan għidt biex nieħu ritratt jekk terġa' tiġri imma *hopefully* ma tiġrix għax imbagħad kif taf x'ħin ħadt ir-ritratt jiena ma bqajtx immur."

<u>Dr. Yanika Bugeja</u>:
"Mela jiġifieri jekk hi nkun qed ngħidilha sew jekk hi t-tielet darba marret ippreparata biex tieħu ritratt kienet qed tistenna x'se jiġri?"

<u>Maġistrat</u>:
"Inti kont qed tistenna x'se jiġri?"

***<u>OMISSIS OMISSIS OMISSIS</u>***:
"Xtaqt speċi ta' u."

<u>Maġistrat</u>:
"Imma jiġifieri *sorry* ta' Dottoressa ħa naqbeż daqsxejn."

<u>Dr. Yanika Bugeja</u>:
"Iva."

Maġistrat:
"Għax naħseb naf x'se ssaqsi, imma jiġifieri jekk inti allura mort hemmhekk."

***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***:
"Eħe?"

Maġistrat:
"Qisek konsapevoli forsi li kien ser jiġri l-istess ħaġa, din il-ħaġa li hu beda jmisslek u inti ħadt instigajtħa inti?"

***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***:
"Le jiena mort biex nitkellmu bħal ma dejjem qalli li ħa nagħmlu imma dakinhar jien ħadt il-kelb miegħi għax kien għadu kif ġabli l-kelb, kien ġab il-kelb kont kuntenta bih kien jiġri miegħi l-kelb u kont ħadtu miegħi u nzerta kelli l-*mobile* mbagħad x'ħin bdiet ħadt ir-ritratt."

Maġistrat:
"Jiġifieri biex niftehmu ħa nkun, ħa nkun *blunt* miegħek."

***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***:
"Eħe?"

Maġistrat:
"Jiġifieri inti ma għidtlux: "Missni?""

***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***:
"Le dik qatt ma."

Illi din il-Qorti wieżnet bir-reqqa dak li ġie appena ċitat u hija tal-fehma li l-*parte civile* **OMISSIS OMISSIS** kienet qed tgħid il-verita'. Din il-Qorti tgħid hekk minħabba li bil-prova ewlenija li kellha kieku riedet setgħet tpinġi ritratt ferm agħar tal-appellant. Biżżejjed wieħed jara kif tgħid li kienet kuntenta bil-kelb li kien xtara għalihom l-istess appellant. Issa rigward l-ispjegazzjoni

mogħtija mill-*parte civile* jidher f'għajnejn din il-Qorti li tali spjegazzjoni minbarra li hija kredibbli, hija wkoll raġonevoli. Minbarra dan din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant u ċioè li meta l-*parte civile* in kwistjoni kienet tiġi mgħajjta hija dejjem marret. Mix-xiehda minnha mogħtija jirriżulta li wara li ħadet ir-ritratt ma reġgħetx marret. Apparti minn dan għandu jingħad ukoll li l-fatt li *parte civile* ***OMISSIS OMISSIS*** marret it-tielet darba kien kważi irrelevanti u dana peress li r-reati kienu diġa' seħħew. Minbarra dan, din il-Qorti hija tal-fehma li kieku l-għan tal-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS*** kien li tkeċċi lill-appellant mill-ħajja tal-familja tagħha għax kien barrani ma kienx ikollha għalfejn tistenna sa meta sar ir-rapport lill-Pulizija, anzi, bir-ritratt f'idha setgħet mill-ewwel tgħid lil ommha dwar dan l-aġir minn naħa tal-appellant.

Illi tajjeb wieħed jirrimarka li l-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS*** tgħid li hija ma semmiet xejn qabel minħabba li ma riditx tweġġa' lil ommha. Di piu' hija ma tpenġix ritratt kompletament skur tal-appellant tant huwa hekk li tgħid li fir-relazzjoni mhux kollox kien ħażin b'dan illi tgħid li kien hemm ukoll it-tajjeb iżda tgħid ukoll li l-ħażin sar ħafna agħar mit-tajjeb (*a fol.* 81).

Illi rigward l-argument imressaq mill-appellant li huwa kien jipprova jiftaħ għajnejn il-*parte civile* din il-Qorti tgħid mingħajr tlaqliq tgħid li sabiex jiftaħ għajnejha la kellu għalfejn imissilha l-parti tagħha, la l-warrani u lanqas sidirha. Dan l-aġir ma huwiex aċċettabbli. Rigward l-allegati inkonsistenzi, din il-Qorti tara li l-*parte civile* spjegat b'mod ċar l-aġir tal-appellant u dak li qalet jidher li huwa konsistenti u kredibbli. Meta dan jintrabat ma' dak li jgħid l-appellant waqt l-istqarrija tiegħu għandu raġun l-Avukat Ġenerali meta jsemmi li l-appellant ma meriex dak li qalet il-*parte civile*. Tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ilment in eżami jsegwi li dan l-ilment jistħoqq jiġi miċħud.

"<u>L-Ewwel u T-Tieni Akkuża</u>":
Illi taħt is-sub-titolu appena msemmi, l-appellant jilmenta dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Jispjega li wħud mill-imputazzjonijiet li nstab ħati

tagħhom jirrigwardaw reati ta' atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens. Jispjega li mill-istqarrija tiegħu jidher biċ-ċar li ma fehemx li kien qed jiġi akkużat b'reat kriminali. Jgħid li fl-istess stqarrija qal li huwa kien iħobbha daqs bintu u kien biss jiċċajta magħha u li qatt ma kien sejjer jagħmel dawn l-affarijiet. Isemmi li ammetta li dakinhar kien hemm disgwid bħal ma jkun hemm f'kull familja u huwa kien telaq lejn ix-xogħol sabiex jikkalma l-affarijiet.

Illi l-appellant jirreferi għall-allegazzjoni li kien jidħol fil-kamra tal-banju meta kien ikun hemm il-minuri u jsemmi li kien qal li huwa qatt ma daħal bl-intenzjoni li kienet qed tinsinwa l-iSpettur. Jindika dik il-parti tal-istqarrija rilaxxata minnu fejn ċaħad li qatt kellu intenzjoni malizjuża. Huwa jagħmel riferenza wkoll għall-parti oħra mill-istqarrija fejn meta fehem kif kienu l-affarijiet, huwa skuża ruħu u kompla jinsisti li żgur ma kinitx l-intenzjoni tiegħu. Itenni li dan huwa każ fejn bl-ebda mod ma kellu l-intenzjoni li jwettaq l-allegat reat jew fehem li qed jagħmel ħażin. Jispjega li kull ma xtaq kien li jiċċajta mal-minuri. Jargumenta li mill-istqarrija tiegħu jidher biċ-ċar li qatt ma kellu intenzjoni kriminuża.

Illi l-appellant jispjega li l-liġi ma toffrix definizzjoni ta' dak li għandu jikkostitwixxi att materjali ossia ta' natura sesswali u għalhekk dan jitħalla f'idejn il-Ġudikant. Ikompli li Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jispjega li att materjali ma għandux jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmati jew attentat imsemmi taħt Artikoli 198 sa 206 tal-Kapitolu msemmi u għalhekk itenni li jekk att fih innifsu ma jikkostitwix wieħed mid-delitti msemmija f'Artikoli 198-206 tal-Kapitolu msemmi, dak l-att jista' jikkostitwixxi ksur ta' Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 ta' Liġijiet ta' Malta jekk jiġi kkunsidrat bħala "att ta' natura sesswali". Jgħid li l-atti kommessi minnu ma jirriżultawx f'atti ta' natura sesswali. Jisħaq li f'dan il-każ ma kienx hemm vjolenza lejn il-minuri anzi l-allegazzjonijiet in kwistjoni tant huma nfondati li l-minuri fix-xiehda tagħha issemmi kliem bħal *"fsied"* u *"jmellisli spallti"* li skont hu jikkonfermaw li ma ntużat l-ebda vjolenza.

Illi dwar l-ilment in eżami, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid li r-reati tal-każ odjern huma serjissimi. Jgħid li huma reati li kulħadd għandu jkun jaf li huma projbiti. Jirreferi għal massima li l-injoranza tal-liġi mhijiex skuża. Itenni li l-insistenza u l-persistenza tal-appellant li huwa kien qiegħed jiċċajta huma merament tentattivi sabiex l-appellant jevita l-ħtija. L-Avukat Ġenerali jsemmi li l-appellant mhux biss kien jikkommetti atti ta' natura sesswali fuq il-minuri iżda kien jieħu interess mhux spettat minnu fil-ħajja sesswali tal-minuri, tat illi kien iċċekjalha ż-żibel tal-kamra tagħha, jidħol fuqha fil-kamra tal-banju, kien kontinwament jistaqsiha mistoqsijiet li kienu jiskomodawha u jiċċajta doppju sens, u kien jhedded, jinsulta, jinstiga, jgħajjar u jgħajjat magħha, ma' ommha u ma' oħtha.

Illi dwar l-ilment in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li minkejja li l-liġi hija siekta dwar x'jitqies attivita' ta' natura sesswali, għandu jingħad li l-imġieba tal-appellant fejn kien idaħħal idu minn taħt il-ħwejjeġ tal-minuri żgur jaqa' f'dawn il-parametri.

Illi rigward l-element ta' vjolenza msemmi mill-appellant din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Demanuele** (Numru 138/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Illi qabel kull konsiderazzjoni oħra l-Qorti tirrileva illi r-reat tal-attentat vjolenti fuq il-pudur ukoll intmess mil-leġislatur b'dan illi l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien mertu tal-każ kien jaqra kif ġej:
>
> *"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena*:"
>
> Bl-artikolu 201 tal-Kodiċi Kriminali iqies dawk ċ-ċirkostanzi fejn l-element tal-vjolenza huwa preżunt li jissussisti. Dan l-element tal-vjolenza illum ġie eradikat

> mill-artikolu 207 permezz tal-emendi li daħħlu fis-seħħ bl-Att XIII tal-2018, sabiex illum jissussisti r-reat kull meta l-att vjolattiv isir 'mingħajr il-kunsens' tal-vittma. Fil-fehma ta' din il-Qorti, madanakollu, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza tul is-snin dan l-element tal-vjolenza kien dejjem ġie interpretat li jissussisti kull meta l-att inkriminatorju jsir mill-awtur tar-reat mingħajr il-kunsens tal-vittma. Illi din il-Qorti kif ippresjeduta kellha okkazzjoni tagħti interpretazzjoni ta' din il-bidla li seħħet fil-liġi fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs. Oglive Grima**[1]:
>
> [...]".

Illi meħud in konsiderazzjoni ta' dak li ġie ċitat hawn fuq u li din il-Qorti tagħmlu tagħha jsegwi li l-punt imressaq mill-appellant rigward il-vjolenza ma jsibx applikazzjoni għal każ odjern. Minkejja dan, għandu jingħad ukoll li anke kieku ma kienx il-każ, mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imġieba tal-appellant kienet fil-fatt vjolenti. Dan jirriżulta kemm minn dak li tixhed omm il-minuri kif ukoll minn kliem il-minuri stess, fejn jgħidu li l-appellant kien jidgħi u jimminaċċja li jsawwat lill-missier il-*parte civile*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kien intiż biss sabiex l-appellant jintimidixxi lill-*parte civile* u lill-familjari tagħha. L-effett tal-aġir tal-appellant huwa bil-bosta evidenti meta l-*parte civile* ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** tgħid li hija kienet tipprova tevitah. F'għajnejn din il-Qorti din mhijiex kwistjoni ta' dixxiplina kif jipprova jgħid l-appellant iżda hija kwistjoni ta' abbuż anke psikoloġiku.

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Attard** (Numru 71/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

[1] "Deċiża minn din il-Qorti tal-Appell kif ippreseduta nhar it-30 ta' Settembru 2020."

> "Il-Qorti m'għandhiex dubju li, taħt ċerti ċirkostanzi, li wieħed imiss il-warrani ta' tfajla u jbusha fuq għonqha jista' jammonta għal att ta' libidini."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ġie appena ċitat, li din il-Qorti tagħmlu tagħha, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, din il-Qorti tikkunsidra li l-aġir tal-appellant jinkwadra ruħu fil-preċetti stabbiliti taħt Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi rigward l-element tal-intenzjoni tal-appellant, din il-Qorti hija xettika mill-argument imressaq mill-istess appellant. Għandu jingħad li wieħed ma jaqbadx sider tfajla bl-intenzjoni li jiċċajta. Din il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-appellant li huwa ried jiċċajta ma hijiex kredibbli. Wieħed ma jgħajjatx persuna tmur ħdejh fil-kamra tas-sodda u jaqbdilha sidirha u jdaħħal idejh minn taħt il-ħwejjeġ bl-intenzjoni li jiċċajta! Anke kieku kien il-każ li ma kellux xi intenzjoni malizjuża, l-appellant faċilment seta' jobsor li tali aġir ma kienx aġir tajjeb u għalhekk fil-kamp kriminali tali aġir jikkwalifika bħala *culpa*. Fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law), il-Profs. Sir Anthony Mamo jispjega li l-element formali tar-reat jista' jieħu żewġ forom: dak tad-*dolus* u dak tal-*culpa*. B'mod partikolari jsemmi s-segwenti:

> "This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective."

Illi dan il-ħsieb ġie wkoll suffragat minn dak li jgħid **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu Corso fi Diritto Criminale – Programma – Parte Generale (4th. Edition) fejn qal hekk:

> "Meglio sembra poter servire a graduare la colpa la distinzione fra chi nulla affatto pensò al tristo evento (lo che i Romani dissero *culpa ex ignorantia*) e chi vi portò il pensiero, ma previde che *non sarebbe avvenuto* (lo che i

> Romani dissero *culpa ex lascivia*). Un giovine sta per esplodere contro una fiera; il suo compagno lo avverte che ad una distanza vi è un uomo: ti par egli (risponde il primo) è impossibile che il piombo arrivi laggiù mai; ed esplode, ed il piombo giunge a ferire. Costui non è in *dolo*, perchè ha *preveduto* come cosa certa di *non ferire*: ma la sua colpa è più grave che non sarebbe quella di chi niente avesse veduto quell'uomo. Queste regole si sentono in pratica, ma difficilmente si riducono a formule assolute di dottrina."

Illi b'hekk, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ilment in eżami, isegwi li anke dan l-ilment jistħoqq li jiġi miċħud.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dana illi l-aggravju in eżami jistħoqqlu jiġi miċħud *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jilmenta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern din il-piena hija waħda eċċessiva. Jisħaq li l-piena ma għandha qatt isservi bħala mezz ta' tpattija għal ħsara li tkun ġarrbet il-vittma jew il-familjari tagħha. L-appellant jagħmel riferenza varja għal ġurisprudenza u jispjega l-elementi li għandhom isawwru l-piena taħt id-dritt penali modern u ċioè l-element retributtiv, dak riedukattiv u dak preventiv. Jgħid li kemm fil-kwantita kif ukoll fil-kwalita tagħha l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu ma toħloqx bilanċ bejn l-element retributtiv u riformattiv. Jisħaq li din il-piena hija waħda sproporzjonata u eċċessiva. Jargumenta li l-piena ta' priġunerija effettiva mhijiex waħda idonea u jagħmel riferenza għal ġurisprudenza fejn il-piena kienet diversa. Għandu jingħad ukoll li l-konsulent legali tal-appellant għamlet emfażi dwar dan il-punt anke meta din il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

Illi dwar l-aggravju in eżami, l-Avukat Ġenerali jtenni li l-piena erogata taqa' fil-parametri tal-liġi. Huwa jsemmi li meta wieħed jevalwa l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant jidher li l-Ewwel Qorti la applikat piena manifestament sproporzjonata u lanqas naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ. Jgħid li l-Ewwel Qorti kienet pjuttost ħanina meta l-appellant kkommetta reat gravi fuq minuri li tiġi t-tifla tal-eks sieħba tiegħu, liema rwol iġib miegħu ċertu responsabilita'. Isostni li din ir-responsabilita' ġiet injorata mill-appellant bil-komportament żieni tiegħu hekk kif huwa kkommetta l-atti in kwistjoni fuq il-minuri.

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonikjiet tagħha dwar l-aggravju in eżami billi tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:
>
> > *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva

meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi apparti dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ċitata din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni, fost l-oħrajn, id-depożizzjoni tal-Uffiċjal tal-*Probation* Noelene Cassar mogħtija quddiem din il-Qorti fejn fid-depożizzjoni msemmija hija xehdet hekk (*a fol.* 412):

"Tajjeb li nsemmi wkoll illi nhar id-dsatax ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin, kienet saret *referral* sabiex Jean Paul jibda jibbenefika minn servizzi psikoloġiċi offruti fi ħdan id-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole* u dan sabiex jindirizza l-problemi emozzjonali u psikoloġiċi u kif ukoll ta' rabja li kien għaddej minnhom dak iż-żmien.

Is-Sur Deguara ilu preżentement ilu jirċievi dawn is-sessjonijiet minn nhar is-sitta ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin u qed ikun segwit mill-psikoloġista Theresa Attard fi ħdan id-dipartiment.

Mill-informazzjoni li għandi Jean Paul dejjem ipparteċipa fis-sessjonijiet u dejjem kien motivat sabiex jindirizza l-problemi u anke ġejt mogħtija *feedback* bil-miktub li nista' nippreżenta lill-Qorti."

Illi din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni wkoll id-dokument immarkat bħala Dok. "NC 1" (*a fol.* 415), li jidher li ġie mhejji mill-*Forensic Psychologist* Theresa Attard, liema dokument ġie eżebiet mill-Ufficjal tal-*Probation* Noelene Cassar fejn fih jingħad is-segwenti:

"During the initial assessment it transpired that Mr. Deguara was suffering from anxiety and inadequate coping skills. These may at times have manifested in anger outbursts.

During his psychologival intervention sessions, Mr. Deguara is willingly addressing his emotional and psychological issues and his cognitive distortions through the Anger Management Programme (I-MAP) so as to continue to improve and to be able to reach his goals.

Gradually, Mr. Deguara seemed to be more able to reflect and to make the link about how his lack of coping may have resulted in anxiety and anger as a result. Mr.

Deguara is also more able to evaluate the consequences for his anger outbursts.

Regarding his index offense, the client, while partially admitting guilt, appears to justify his actions and may not fully grasp the seriousness of his behaviour."

Illi minkejja dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li tieħu in konsiderazzjoni wkoll is-segwenti:

- il-fedina penali tal-appellant li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti (Dok. "X" – *a fol.* 372 *et seq.*), liema fedina penali mhijiex waħda nadifa;

- il-fatt li din il-Qorti kkonfermat l-ħtija tal-appellant hekk kif misjub mill-Ewwel Qorti;

- il-piena għall-ewwel (1) imputazzjoni li tagħha l-appellant allura imputat instab ħati tagħha, b'mod partikolari l-fatt li din il-piena tiżdied bi grad *ai termini* tal-*proviso* ta' Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema *proviso* jagħmel riferenza għaċ-ċirkostanzi aggravanti msemmija f'Artikolu 202 tal-Kapitolu msemmi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu msemmi hawn fuq, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma jistax jingħad li hija waħda eċċessiva.[2]

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u meħud in konsiderazzjoni ta' dak hawn fuq imsemmi, din il-Qorti tinnota li dan il-każ jimmerita piena ta' priġunerija effettiva u l-ebda piena oħra alternattiva kif din il-Qorti semgħet lill-konsulent legali tal-

[2] Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi piena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin. Stante li jirriżultaw uħud miċ-ċirkostanzi aggravanti msemmija taħt Artikolu 202 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena tiżdied bi grad u għalhekk il-piena minima titla' għal erba' snin priġunerija.

appellant waqt is-sottomissjonijiet finali bil-fomm. Din il-Qorti tqies li ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat. Għaldaqstant isegwi li anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Jean Paul Deguara u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Finalment, sabiex tiġi protetta l-identita' ta' ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***, ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS*** u ***OMISSIS OMISSIS OMISSIS***, din il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isimhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**